Kunsill Lokali
Għajnsielem

---

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 24- L-Erbgha 9 ta' Gunju 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Ghajnsielem nhar l-Erbgħa 9 ta' Gunju 2021 fl-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Vici Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Loredana Agius | Ambaxxattriċi |

**24.1 Talba**

24.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

24.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

## 24.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

24.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 24.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

24.4.1 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera bl-invit ghall-pontifikal tal-festa ta' Sant'Antnin li ser jinżamm nhar il-Hadd 13 ta' Ġunju 2021 fis 6:30pm.

24.4.2 Is-Sindku rrefera għall-problema tal-latrini pubblici li għandna fi Triq J F de Chambray li dawn jinħtieġu manutenzjoni ġenerali peress li l-istat tagħhom huwa wieħed tal-mistħija. Jinħtieġ li jinbidel prattikament kollox u għalhekk huwa qed jipproponi dawn is-soluzzjonijiet:- Jew nibdlu l-ħsarat eżistenti iżda dawn mistennija li jerġgħu jirrepetu ruhom u d-dehra tal-latrina tibqa dik li hi jew latrina minnhom ( tal-irġiel) ngħadduha b'agreement lil Għajnsielem Football Club sabiex tintuża bħala 'changing rooms' u l-latrina tan-nisa, li hija kbira ħafna, tinqasam f'żewg sezzjonijiet. Huwa propona wkoll li nistgħu nifthu bieb mill- ġenb tal-premissi fejn hemm l-arblu tal-Enemalta li jinħtieġ jinqala' u b'hekk il-latrina tiġi wkoll aċċessibli għall-persuni b'diżabilita'.

24.4.3 Is-Sindku rrefera għall-petizzjoni li saret mill-bdiewa li għandhom l-għelieqi fi Triq Bwier għall-estensjoni tas-servizz ta' New Water. Bis-saħħa ta' dan is-servizz ser jgħaddi s-servizz tal-ilma u drenaġġ għar-residenti . Wara li saret din il-petizzjoni li ntgħatet mill-Kunsill f'isem dawn il-bdiewa, ser ngħaddu katusa fl-istess trinka biex eventwalment il-bdiewa jkunu jistgħu jqabbdu magħha.

24.4.4 Is-Sindku propona sabiex norganizzaw event qasira fl-aħħar ġurnata tal-iskola biex inferrħu lit-tfal billi huma u ħergin inġibu żewg karattri u jqassmulhom borża ħelu. Il-Kunsill qabel ma' din l-attivita'.

24.4.5 Is-Sindku propona wkoll li għandna nikkommisjonaw kitba ta' ktejjeb għat-tfal bl-istorja ta' Għajnsielem biex

iddaħħlilhom ftit informazzjoni u mħabba minn ċkunithom lejn raħal twelidhom. Huwa propona li għandna ninkarigaw artisti minn Għajnsielem biex jagħmlu d-disinn u l-kontenut.

24.4.6 Saret talba minn bdiewa dwar il-bżonn ta' manutenzzjoni ta' parti minn Triq Daħla tal-Għama li sfortunatament minn meta sar it-trenching għal xi servizzi, beda jinqala parti mill-wiċċ tac-cement. Bidwi minnhom lest li jgħin wkoll lil ħaddiema tagħna fix-xogħol u aħna nipprovdu l-materjal. Sar qbil dwar dan. Post iehor gravi li jinħtieġ manutenzjoni hija Ta' Bordin fil-parti tad'daħla ta' fuq ta' Wied Simirat fejn hemm il-pont. Sar qbil li jsir meta jkun beda ix-xogħol f'parti oħra ta' din it-triq li tagħha ħareġ tender.

24.4.7 Is-Sindku għamel referenza għall-proposta li kien ressaq sabiex inżejnu t-toroq ta' quddiem il-każini bid-dawl tal-festa sabiex inqajmu ftit pożittivita' wara xhur imċaħħda minn kull attivita'. Huwa propona li għandna ninkarigaw lill-Għaqda Armar Għajnsielem sabiex jagħmlu din il-biċċa xogħol huma u minflok inħallsuhom, nibdlu l-bozoz tal-festuni f'dawk LED, b'hekk inkunu qed nagħtu messaġġ favur l-ambjent, niffrankaw d-dawl u nagħtu messaġġ lill-istess Għaqda biex ikomplu jaqilbu għal-sistema ta' LEDs.

24.4.8 Is-Sindku għamel referenza għall-iskema tal-Animal Welfare maħruġa mill-Ministeru tal-Biedja u Sajd. Huwa spjega kif applikajna sabiex ikollna xi ħadd jiġi jieħu ħsieb l-annimali f'Ta' Passi u tfajna l-iskema. Huwa spjega kif jekk toħroġ skema għal ħaddiema nkunu minn ta' quddiem biex napplikaw.

24.4.9 Is-Sindku rrefera għall-komunikazzjoni li kellu mas-Sinjura Jo Curtis fejn qed tipproni attivita' ambjentali billi jibnu xena artistika ta' wiċċ ta' Kristu mill-flixken tal-plastic riċiklati. Hija proponiet ukoll kampanja ta' tindif u s-Sindku proponielha biex tingħaqad mal-Kunsill għall-Cleanup tiegħu. Is-Sindku propona li għandna norganizzaw ġurnata ta' tindif taħt ta' Lourdes bl-għajnuna tac-Civil Protection

Department minħabba l-periklu li hemm. Il-Kunsill qabel ma' dan u l-ġurnata ta' din l-attivita' għandha tiġi kkonfermata.

## 24.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

24.5.1 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex titneħħa l-alka mill-bajja taż-Żewwieqa. Is-Sindku wieġbu li diġa ressaqna din it-talba.

24.5.2 Il-Kunsillier Teddy Saliba rrefera għall-problema tad-drenaġġ fi Triq Sant'Antnin. Is-Sindku wieġbu li minn informazzjoni li għħndu din għandha tissolva hekk kif titkompla t-triq.

24.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għall-parti minn Triq Cordina li għandha bżonn titranġa. ??

24.5.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għall-bankina perikoluża li saret quddiem ir-restaurant Ta' Philip fi Triq Sant'Antnin. Huwa propona li jinżeba' double yellow line mal-bankina biex wieħed ikun jista jinnotaha.

24.5.5 Il-kunsillier Stephen Mercieca ressaq it-talba sabiex fil-Belvedere ta' Triq Hamri jsir bank għad-dell maġenb il-kamra. Il-Kunsill qabel li għandna npoġġu bank temporanju.

24.5.6 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza fi Triq ix-Xatt l-Aħmar qed iħallu ħafna skart. Is-Sindku wieġbu li bgħat lill-ħaddiema tal-Kunsill biex inaddfuh u sar qbil li għandna nibdew nibgħatuhom aktar ta' spiss. Saret referenza wkoll għall-vettura li kien hemm bla number plates fl-istess inħawi u ġiet irrapurtata mal-pulizija.

24.5.7 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għall-ħtieġa ta' twaħħil ta' railing fuq bankina ta' anzjana fi Triq Malta. Is-Sindku wieġbu li r-railing jinsab lest u li qed niġru wara s-supplier biex jinstallah hu.

24.5.8 Il-Kunsillier Teddy Saliba ġibed l-attenzjoni sabiex nieħdu ħsieb li nżommu l-pjanti tal-Belvedere ta' Triq Hamri fi stat tajjeb għax hemm xi uħud minnhom li huma mejta. Is-Sindku wieġbu li dawk ser jinbidlu u wkoll hemm persuna li offra li ser jieħu ħsieb hu t- tisqija tagħhom. Sar qbil li għandna nibdlu x-xitel mejta b'oħrajn u li nzommuh fl-aħjar stat possibli.

24.5.9 Il-Kunsillier Teddy Saliba talab sabiex jitnaddaf il-Wied taż-Żewwieqa.

24.5.10 Il-Vici Sindku Franco Ciangura staqsa dwar l-issue li kien hemm fil-każ tat-taraġ fix-Xatt l-Aħmar. Is-Sindku Kevin Cauchi wieġbu li kien hemm xi ħadd irranġa l-għalqa u nbena taraġ barra. Huwa spjega li din hi kwistjoni familjari u mid-dehra li dan it-taraġ inbena f'post pubbliku. Is-Sindku spjega kif mingħajr ma' aħna mdaħħlin f'xejn f'dan kollu, l-Kunsill laqqat enforcement mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Huwa spjega li mhux ser nerfgħu responsabilita' ta' xi ħaġa li ma għamilniex aħna u speċjalment fejn hemm kwistjonijiet familjari. It-taraġ issa iżżarma u qiegħed mal-art. Is-sid qed jitlob sabiex jibqa aċċess. Is-Sindku rrefera wkoll għall-ħajt tas-sejjieħ li nbena bil-kantun u wkoll kien hemm enforcement fuqu. Il-Kunsill qabel li peress li hemm xi kwistjonijiet ma għandniex nidħlu fihom aħna.

24.5.11 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura għamel referenza wkoll għall-parkeġġ li qed isir, fejn isir id-driving test. Is-Sindku wieġeb li ser nibdlu s-signs ta' No Parking u li għandna nitolbu lill- Transport Malta sabiex tkun hi li tipprovdilna t-tabelli meħtieġa.

24.5.12 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall- biċċa art li hemm wara l-gabbana f Triq Bwier . Huwa propona li għandna naraw kif inneħħu t-trailers u nirranġawha u nħawwlu xi siġar. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

24.5.13 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura għamel referenza għax-xelter li żbroffa waqt xogħol ta' kostruzzjoni fi Triq Għajnsielem. Is-Sindku spjega kif avviċinajna lill-kuntrattur li kien qed juża l-makkinarju hemm u wegħdna li ser

jirranġah iżda baqa ma ġiex. L-iżbal li sar minn naħa tal-Kunsill huwa li ma daħħalnix il-pulizija fil-każ. Sar qbil li għandna nkomplu niġru warajh biex neliminaw il-periklu.

24.5.14 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għal xi riħa ta' ilma qiegħed li qed titla minn tappiera quddiem il-butcher fi Pjazza Indipendenza. Is-Sindku nforma li saret talba sabiex din it-tappiera tiġi sealed.

24.5.15 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura għamel referenza għal każ tal-eks Segretarju Eżekuttiv Amanda Abela u l-kont tal-Vodafone. Is-Sindku spjega kif il-Kunsill ma għadx għandu kontijiet pendenti mal-Vodafone u kif il-kuntratt ta' dawn il-kontijiet li qed issir referenza għalihom baqa qatt ma nstab kemm mis-Sinjura Abela kif ukoll mill-kumpanija Vodafone. Sar qbil li għandna ninkarigaw lill-avukat tal-Kunsill Larry Formosa jiddiskuti l-każ mal-avukat tagħha Dr Chris Said u nimxu fuq il-parir tiegħu.

## 24.6 Korrispondenza

24.6.1 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta għal żewġ mirji faċċatta tar-rampa tal-garaxx tar-residenza tagħha fi Triq Ġużeppi Cauchi. Il-Kunsill qabel li jagħmilhom jekk ikollu l-kunsens tal-ġirien ta' fejn ser jeħlu.

24.6.2 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta sabiex jitneħħa disabled parking bay fi Triq Sant' Indrija peress li mhux qed jintuża. Sar qbil li għandna navviċinaw lil min kien qed jużah u nikkonfermaw. Jekk inhu minnu għandna nitolbu sabiex titneħħa.

24.6.3 Ġiet trattata l-proposta mingħand resident sabiex nipproċiedu bil-proġett ta' cat neutering. Sar qbil li għandna mmexxu dwaru.

24.6.4 Ġie trattat mill-gdid l-ilment dwar it-talba ta' double yellow lines fi Triq il-Ġnien. Il-Kunsill qabel li għandu jibqa tal-istess opinjoni u jekk l-individwu jibqa jippersisti nitolbuh jġib soluzzjoni alternattiva mingħand Tranport Malta.

24.6.5 Ġiet trattata l-ittra mingħand JP2 Foundation rigward kunċert li ser jiġi organizzat fil-Knisja Parrokjali fil-15 t'Ottubru 2021. Fl-ittra tagħhom talbu lill-Kunsill sabiex jikkollabbora f'xi spejjes. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u qabel li għandu jalloka budget ta' madwar għal-€300.

## 24.7 Update dwar Proġetti

24.7.1 Is-Sindku għamel referenza għall-proġett li għaddejjin bħalissa u ta update fuqhom fosthom:-

24.7.2 Xogħlijiet fix-Xatt l-Aħmar. Is-Sindku spjega kif is-swimming zone ser tkun installata sal-aħħar tal-ġimgħa. Rigward it-tħarrik tal-blat u l-installazzjoni tal-curtain huwa pjanat li jsir ukoll il-ġimgħa li ġejja u ser ikun taħt sorveljenza ta' moniteraġġ mill-ERA. Is-Sindku kompla jispjega kif wara li ssir din il-biċċa xogħol għandna nkomplu bil-koordinazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex sabiex issir pjattaforma biex jgħaddu n-nies minn fuqha. Is-Sindku għamel referenza wkoll għat-twaħħil tar-railing tas-slipway l-antika tax-xatt l-aħmar li ser jeħel flimkien mal-boat mooring platform ukoll fil-jiem li ġejjin. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna nerġgħu npoġġu t-tabelli tal-One way f'parti mit-Triq tax-Xatt l-Aħmar għax-xhur tas-sajf.

24.7.3 Proġett ta' tisbiħ f'Sant Eliju. Is-Sindku rrefera għax-xogħol sabiħ li sar tal-Mosaic u li issa beda jeħel fuq il-post u x-xogħol tiegħu ser jitkompla hemmhekk. Rigward ir-railing tal-injam matul l-ewwel parti tat-triq twaħħal ukoll u s-Sindku ssuġġerixxa li jiżdied anterjol twil 20 pied fit-tarf biex jispiċċa għal xejn għal xejn. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Ser jeħlu wkoll il-bollards.

24.7.4 Proġett ta' Pjazza Tolfa - Is-Sindku Kevin Cauchi ta *update* dwar ix-xogħolijiet fuq din il-pjazza. Huwa spjega kif preżentament ix-xogħol jinsab wieqaf għax qed nistennew il-madum. Il-Kunsill qabel li flok terrazzo nuzaw Lava li ser ikun jiswa €75 kull metru kwadru. Bħala madum il-Kunsill qabel li għandna nagħżlu dawn:

- Lava, Dark Hay 'B', 3cm thick, 40x40cm @ 75.00euro / sqm
- Lava, Ivory 'B', 3cm thick, 40x40cm @ 75.00euro

Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li applikajna wkoll fi skema li ħarġet minn Ambjent Malta għall- green canopy u siġar f'din l-istess pjazza. L-istima mitluba għal din l-applikazzjoni hija dik ta' €50,000 li jekk nikkwalifikaw għalihom inkunu faċilment nistgħu niffrankawhom mid-DPF funds. Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-problema li ġiet kaġunata mill-kantuniera peress li s-sewwieqa mhux qed jinnotawhom u qed jolqtuhom. Sar qbil li għandna nippruvaw nizbħu xi road markings u naraw x'effett iħallu. Is-Sindku rrefera għall-istima provduta minn Fr Roberto Gauci għall-mosaic astratt tal-konok tondi kif maqbul fl-aħħar laqgħa. L-istima tammonta għall- €4500 eskluż il-VAT. Il-Kunsill approva din l-istima u jordna x-xogħolijiet imsemmija.

24.7.5 Proġett tat-Taraġ ta' Bejlikk - Is-Sindku ħabbar li x-xogħolijiet tat-tpoġġija tat-turġien tal-irħam beda llum. Huwa semma' li qed naraw li niġbru stima għax-xogħol ta' stencil paving għall-parti ta' fuq. Sar qbil li għandna wkoll inwaħħlu bank ġdid f'din l-area. Is-Sindku rringrazzja lill-kunsillier Stephen Mercieca tal-koordinazzjoni ta' dan il-proġett.

## 24.8 Immaniġjar ta' traffiku fiċ-ċentru tal-lokalita'

24.8.1 Is-Sindku Kevin Cauchi propona sabiex nestendu t-traffic management tal-qalba tar-raħal billi - ineħħu t-trakkijiet u vetturi kbar miċ-ċentru billi nestendu ż-żona l-qadima għal Triq il-Ġnien, Triq Benghazi, Triq Chambray, Triq Mogħdija u Triq Għajnsielem. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u li għandna ninkarigaw lil Perit Edward Scerri biex jippreparlna pjanta ta' dan it-Traffic Management biex eventwalment ngħadduha lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

## 24.9 Sajf 2021

24.9.1 Is-Sindku propona li minkejja li għad ma għandnix linji gwida dwar jekk nistgħux norganizzaw attivitajiet, għandna matul il-weekend nagħlqu t-toroq tal-Pjazza fix-xhur tas-sajf biex il-familji jkunu jistgħu jgawdu ċ-Ċentru tal-Lokal bil-kwiet u biex nippromovu l-mixi u anqas użu ta' vetturi. Sabiex inkomplu nsebbhu u nqajjmu atmosfera pożittiva, ser inżejnu ċ-ċentru permezz ta' festuni tal-festa. Il-Kunsill qabel ma' dawn il-proposti u sar qbil ukoll li xi darba kultant nagħlqu Pjazza Indipendenza.

## 24.10 Patching tat-tarmac

24.10.1 Is-Sindku spjega kif issa li għalqet l-offerta tal-Patching u ġiet awardjata lil Road Construction Ltd, li kienu l-uniku bidders, għandna nitolbu stima tal-aktar partijiet li ilhom jistennew li jsirilhom il-patching fosthom:-

- Triq Dun Spedito Tabone (quddiem ta' Bajada)
- Triq Mogħdija – Quddiem tal-familja Cassar
- Triq Malta (trinka)
- Triq Gużeppi Cauchi c/w Triq Ixprunara
- Triq Cordina quddiem tal-familja Agius

Il-Kunsill qabel li għalissa mmexxu fuq din il-lista u nitolbu stima għalihom.

## 24.11 Store ġdid għal Kunsill

24.11.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-istimi miġbura rigward kiri ta' garage spazjuz sabiex jintuża bħala store għal Kunsill. Il-Kunsill ġabar tlett stimi u jinħtieġ li nieħdu deċiżżjoni peress li għandna ħafna stock u ma għandniex fejn inpoġġuh u li jinħtieġ ħafna spazju.

24.11.2 L-istimi miġbura huma garage tal-familja Bajada ta' Triq Xprunara li huwa kbir madwar 130 metru kwadru u t-talba għal kera tiegħu hija dik ta' €460 fix-xahar li jammonta għal €5520 fis- sena. Jistgħu joffru kuntratt ta' sentejn u li jiġġedded għal sena oħra.

24.11.3 Stima oħra miġbura hija ta' garage tal-familja Mifsud li jinsab fi Triq Firilla Għajnsielem. Il-prezz mitlub huwa dak ta' €325 fix-xahar li jammonta għal-€3900 fis-sena. Is-Sindku spjega li jista jikrihulna għal ħames snin u jkollna first right of refusal jekk niġu biex inġedduh. Il-proprejeta hija koperta wkoll bl-insurance.

24.11.4 Offerta oħra ta' garage ieħor hija dik mingħand il-Familja Ciantar li jinsab fi Triq il-Bwier. Il-garage huwa kbir madwar 95 metru kwadu u jista jinkera għall-tlett snin. Il-prezz huwa diskutibbli.

24.11.5 Meta l-Kunsill evalwa dawn l-offerti u l-urġenza tal-ħtieġa ta' dan l-istore, qabel li l-għażla għandha taqa fuq il-garage li jinsab fi Triq il-Firilla peress li huwa l-akbar u l-orħos u bl-aħjar kundizzjonijiet.

## 24.12 Approvazzjoni tal-Evaluation Reports tal-Offerti

**24.12.1** Offerta tal-Bulky Refuse - Wara li saret l-evalwazzjoni, l-Bord irrakkomanda li l-għażla għandha taqa' fuq it-tieni l-orħos offerta dik ta' Nicholas Zammit għall-prezz ta'€ 5100 peress li l-orħos offerta ta' Yama Yami Ltd ma kinitx kompatibbli.

24.12.2 Offerta tal-Patching - Wara li saret l-evalwazzjoni, l-Bord irrakkomanda li l-għazla għandha taqa' fuq l-orħos u l-unika offerta dik ta' Road Structures Ltd għall-prezz ta' €50,804.

24.12.3 Offerta tar-Refuse Collection - Wara li saret l-evalwazzjoni, l-Bord irrakkomanda li l-għażla għandha taqa' fuq l-orħos offerta dik ta' €149,390 għal tlett snin. Sar qbil pero li sadanitant għandna niċċekjaw mal-KIP jekk nistghux inġeddu l-kuntratt preżenti sakemm jinħareġ wieħed kollettiv mir-Regjun sabiex il-Kunsill jiffranka l flus peress li l-offerta l-ġdida hija bi kwazi 50% aktar mill-offerta attwali.

24.12.4 L-offerta ta' Triq ta' Bordin tinsab pendenti bl-evalwazzjoni peress li ntbagħtet kjarifika mill-Bord tal-Evalwazzjoni. S'issa jidher li l-orħos offerta dik ta' Salvu Camilleri & Sons għall-prezz

ta' €74,365.13 eks VAT hija eliġibbli. Ġie propost li biex immexxu minħabba restrizzjoni ta' żmien, il-Kunsill għandu jiġi komunikat bid-deċiżżjoni tal-Bord, japprova r-rakkomandazzjoni tiegħu u jmexxi fuqha. Il-Kunsill qabel ma' dan.

24.12.5 L-offerta tal-Knis għadha ser tiġi evalwata.

**24.13 Materji oħra**

24.13.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

**24.14 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

24.14.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

**24.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

23.13.1 Il-laqgħa intemmet fit-7:00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 12 ta' Lulju 2021 fl-4:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**